**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-28 ta' Jannar 2022**

**Kaz. Nru; 183-47**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carl Busuttil**

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Carl Busuttil** bin Emanuel u Maria Assunta xebba Spiteri imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Dicembru 1982 residenti gewwa Trinity Farmhouse, Triq Hal Lew, Qrendi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 1983M, akkuzat talli;

Nhar it-28 ta' Marzu, 2020 ghal habta ta' 12:00hrs u fil-granet ta' qabel fl-inhawi tal-Fawwara, limiti tas-Siggiewi, ha jew ipprova jiehu xi ghasafar matul l-istagun maghluq ghall-insib ta' l-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg 18(1)(c), L.S. 549.42

Fl-istess data, lok hin u cirkostanzi kien qed jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skont ma tapplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra dan bi ksur ta' L.S. 549.42 Reg 12 (1)

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni

ta’ kull licenzja jew permess mahruga taht ir-rgolamenti ta’ l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi u taht ir-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall perjodu applikabbli that l-A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat.

Rat u Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija, il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda lil Fiona Burows (CABS); Carl Cauchi (WBRU); PS1030 Clinton Theuma; u Nicholas Grech. Min-naha tieghu l-imputat ghazel minn jeddu li jiehu l-pedana tax-xhieda.

**Fiona Burrows** xehdet li nhar it-28 ta’ Marzu 2021 hija kienet fl-area tal-Fawwara fejn ghall-habta ta’ nofsinhar hija rat lil xi hadd go dura fuq mansab attiv mdawwar bl-ghasafar fil-gabbjetti. Hija spjegat li osservat lin-nassab johrog mid-dura u jdur mal-mansab u dana waqt li kienet qed tigbed il-filmat spjegat ukoll li wara li n-nassab reggha mar fid-dura, kollega taghha mar vicin il-mansab fejn hemmhekk in-nassab hareg ghall-voluntier u beda jigri warajh. Sussegwentament beda jnehhi l-gabjetti u jzarma l-mansab. Ix-xhud identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kienet prezenti fuq il-mansab in kwistjoni u spjegat ukoll li dakinhar kellu ‘facial hair’ li dakinhar li hija tat ix-xhieda taghha ma kellux.

**PS1030 Clint Theuma** spjega li huwa kien rcieva file ghall-investigazzjoni li kien infettah wara rapport mibghut mill-CABS li jirrigwardja attivita’ ta’ insib li tirrisali lura ghall-Marzu tat-2020. Skond ix-xhud mill-filmat in-nassab in kwistjoni kien jidher car. In kontro-ezami l-imputat spjega li dakinhar tal-allegat insib il-vettura tieghu kienet ipparkjata fl-area li kien qed isir l-allegat insib. In kontro-ezami ukoll kkonferma li dak iz-zmien tal-imputazzjonijiet il-mansab in kwistjoni fejn kien qed isir l-insib ma kien irregistrat fuq hadd. Meta mistoqsi sabiex jaghraf lill-imputat, ix-xhud gharaf lill-imputat imma spjega li kien qatgha xaghru u nehha l-lehja.

**Carl Cauchi** in rapprezentanza tal-Wild Bird Regulations Unit ikkonferma bil-gurament li ghalkemm l-imputat kellu licenzja generali tal-insib, f’Marzu tas-sena 2020 l-Gvern ma applika l-ebda deroga ghall-insib u ghaldaqstant ma hargux licenzja specjali.

**Nicholas Grech** ukoll in rapprezentanza tal-Wild Bird Regulations Unit (WBRU) ikkonferma li l-mansab in kwistjoni kien irregistrat f'isem Carl Busutill wahdu fis-sena 2017 u li fis-snin sussegwenti ma kien irregistrat fuq hadd. Filwaqt li fis-sena 2021 l-istess sit reggha gie rregistrat f'isem is-Sur Barbara. Is-Sur Grech ikkonferma ukoll li fid-data tal-imputazzjonijiet ma kien hemm l-ebda deroga ghall-insib.

**L-Imputat** ghazel minn jeddu li jiehu l-pedana tax-xhieda fejn spjega li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 274 hija tieghu, izda jispjega ukoll li l-istess vetturi jsuquha diversi persuni fosthom membri tal-familja u impjegati tieghu. In sostenn ta' dan huwa ezebixxa l-polza tal-assigurazzjoni tal-imsemmija vettura li turi li (hekk kif inhija l-prassi) kull xufier ta' 'il fuq minn 25 sena huwa assigurat jekk isuq l-istess vettura. In kontro-ezami l-imputat gie muri r-ritratti tal-persuna fuq il-mansab u mistoqsi mill-prosekutur dak il-persuna min hu, l-imputat wiegeb li jixbhu. Mistoqsi ukoll kemm ikun hemm nies jixbhuh daqshekk fuq il-post in kwistjoni, jwiegeb li ma jafx ghax hemm hekk bla hitan.

**Ikkunsidrat Ulterjorament:**

Mill-filmat jirrizulta carissimu li fuq is-sit in kwistjoni kien hemm attivita ta' insib bi xbieki mdaqqsa li kienu mdawwra b'diversi gabjetti bl-ghasafar. Dan il-mansab kien preciz quddiem dura. Jirrizulta ukoll li kien hemm nassab wiehed. Mal-mument li gew osservati l-membri tal-CABS in-nassab in kwistjoni jidher izarma l-mansab in kwistjoni bicca bicca b'certa heffa. Kjarament din l-attivita ta' insib permezz ta' ghasafar bhala lixki kien qed isir fi stagun maghluq. Dan kollu ma jidhirx li qieghed jigi kkontestat mid-difiza.

Il-konstestazzjoni tad-difiza tirrigwarda l-identifikazzjoni tal-imputat bhala n-nassab li jidher fil-filmat.

In sostenn ta' dina l-prova PS1030 Theuma jghid li fir-rapport tal-CABS kien hemm indikata vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 274. Fil-fatt dina l-vettura tigi ndikata fir-rapport tal-CABS pprezentat u kkonfermat bil-gurament minn Fiona Burrows bhala vettura fl-area dak il-hin dakinhar tal-kaz odjern. Fiona Burrows fix-xhieda taghha ma taghmilx referenza ghall-imsemmija vettura u lanqas dwar x'setgha gie osservat fir-rigward tal-istess. Minkejja li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova fir-rigward ta' dan, l-imputat bil-gurament tieghu jikkonferma li dina il-vettura hija tieghu izda jsuqha haddiehor. F'dan ir-rigward huwa jsemmi membri tal-familja u anke impjegati. Huwa jghid li dakinhar ma jiftakarx min kien qed jutilizza l-istess vettura. Dina l-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li vettura tkun registrata f'isem l-imputat u li dik il-vettura giet osservata fl-area in kwistjoni, bhala prova wahedha, ma twassalx sabiex tipprova

li n-nassab in kwistjoni kien effettivament l-imputat. Vettura tista' tkun misjuqa minn persuna ohra filwaqt li ix-xufier ta' dik il-vettura hu min hu setgha kien fl-area tal-Fawwara madanakollu mhux necessarjament jonsob.

It-tieni prova in sostenn tal-identifikazzjoni tal-imputat hija propju x-xhieda ta' Fiona Burrows waqt it-testimonjanza taghha kif ukoll il-filmat ezebiet minnha. Waqt ix-xhieda taghha Fiona Burrows identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kien qed jonsob dakinhar.

F'diversi sentenzi il-Qrati rritenew li meta l-Qorti tigi biex tgharbel dik l-evidenza marbuta malidentifikazzjoni tal-awtur ta' reat, dan ghandu jsir b'kawtela u cirkospezzjoni. Il-Qrati Maltin b'mod kostanti segwew bhala linji gwida r-regoli stipulati mill-Qori tal-Appell Ingliza fil-kaz R vs. Turnbull[1].

> *"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence. Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."*

Mill-provi mressqa jidher li x-xhud osservat lill-imputat fid-dawl tax-xemx u mhux ghal ftit minuti izda ghal tul ta' hin. Jirrizulta ukoll li l-imputat hareg mid-dura f'mumenti minnhom u propju hemmhekk huwa hares sew fid-direzzjoni tal-*camera* u allura fejn kienet ix-xhud. F'dawn il-mumenti wiccu ma kienx mghoti

[1] Court of appeal 1977 – QB244

bl-ebda mod. Wara li gew osservati l-membri tal-CABS, l-ewwel haga li ghamel in-nassab hija li libes skuffja u pprova kemm jistgha jkun jaghti dahru lill-camera madanakollu il-fattizji ta' wiccu mill-filmat migbud xorta jirrizultaw carissimi. Ghalkemm ghaddew diversi xhur mill-akkadut, Fiona Burrows tigi msejjha sabiex tixhed quddiem il-Qrati b'mod frekwenti u hija ben konsapevoli tal-importanza tal-identifikazzjoni fl-awla tal-imputat. Dina l-Qorti setghet tapprezza d-*demeaner* li xehdet bih is-Sinjura Burrows specjalment il-mument li fih identifikat lill-imputat. Kien evidentissimu li is-Sinjura Burrows ma hadditx dan l-ezercizzju b'mod legger. Ix-xhud osservat ukoll hekk kif wara kollox osserva ukoll PS Theuma li minn dak iz-zmien l-imputat nehha l-lehja. Dina l-Qorti ma jirrizultawliex ragunijiet l-ghalxiex tiddubita mill-verzjoni mghotija mix-xhud Fiona Burrows.

Irid jinghad ukoll li meta l-ufficjal prosekutur in kontro-ezami saqsa lill-imputat sabiex iwiegeb min hu dak il-persuna fir-ritratti mehuda mill-CABS, l-imputat bil-gurament ma setghax jinnega l-assomiljanza bejnu u bejn il-persuna fir-ritratt. Fil-fatt huwa wiegeb 'jixbahni' ghar-ritratti kollha murija.

Dina l-Qorti gharblet ukoll il-filmat u mill-istess filmat ukoll jirrizulta car li l-qua imputat huwa effettivament in-nassab li jidher fil-filmat in kwistjoni. Isegwi ghalhekk li l-prosekuzzjoni, irnexiellha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-qua imputat kien effettivament il-persuna li qed jipprova jiehu ghasafar protetti fis-sit u d-dati indikati fic-citazzjoni, cioe fi stagun maghluq u li dan sar meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja specjali valida.

Illi ai fini ta' piena din l-Qorti ser tqis mhux biss il-natura gravi tal-imputazzjonijiet odjerni izda anke it-tip ta' mansab li kien armat kif ukoll c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-attitudni tal-qua imputat lejn il-membri tal-CABS.

<u>Decide</u>

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 12(1) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed issib lil qua imputat, Carl Busuttil, **<u>hati</u>** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed <u>tikkundannah</u> ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 2300. Fin-nuqqas ta' hlas tal-imsemmija multa dina tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija ai termini ta' l-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur